MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2008

Rikors Ta Revoka Numru. 373/2007

**Rikors fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 195/2007 fl-ismijiet:-**

**Mary *sive* Marielle Cassar (ID175156M).**

**vs**

**Edward Cassar (ID 213353M).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Edward Cassar datata 28 ta' Settembru 2007 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi t-talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fuq premessa giet milqugha b' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-3 ta' Lulju 2007 li kopja tieghu hu hawn anness Dok "A".

Illi d-digriet inhareg minghajr ma l-esponent inghata l-opportunita` li jwiegeb u minghajr udjenza u smigh quddiem il-Qorti.

Illi ghalhekk il-proceduri segwita ghall-hrug ta’ dan il-Mandat u irritu u null bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 875 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u tal-Proceduri Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta).**

Illi *inoltre* l-esponent gie mcahhad mill-jedd tieghu ghas-smigh xieraq skond il-Ligi;

Ghaldaqstant u *in visto* tal-permess, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha;

1. Tirrevoka u thassar il-mandat ta’ inibizzjoni fuq premessa numru 195/07 fl-ismijiet premessi *ai termini* tal-**artikolu 836(1) (b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

Bl-ispejjez u b’riserva kontra l-intimata odjerna ghal kull dritt iehor spettanti lill-esponent.

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tad-9 ta’ Ottubru 2007.

Rat ir-risposta ta’ Mary *sive* Marielle Cassar datata 15 ta’ Frar 2008 a fol. 31 tal-process fejn issottomettiet: -

1. Illi *in linea* procedurali t-talba tar-rikorrenti hija nsostenibbli ghaliex ma tinkwadrax ruhha fit-termini tal-**artikolu 836 (1) (b) tal-Kap 12**, *cioe*` l-artikolu li fuqu gie bbazat ir-rikors odjern. Il-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni odjern huma BISS:

(a) il-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent;

(b) li r-rikorrent jidher li ghandu, mad-daqqa t’ ghajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet.

2. Illi skond l-**artikolu 836 (1) (b) tal-Kap 12**, il-Qorti ghalhekk tista' tirrevoka u thassar il-mandat jekk xi wiehed miz-zewg elementi fuq imsemmija ma jkunux ghadhom jissussistu meta jigi ntavolat ir-rikors ghar-revoka. Il-kawzali li r-rikorrenti pero` qed javvanza ghar-revoka tal-mandat huwa allegat procedura rregolari adottata mill-Qorti ghal hrug tal-mandat u mhux ghaliex wiehed mill-elementi fuq imsemmija ma ghadux jezisti.

3. Illi sussudjarjament u bla pregudizzju, l-esponenti thoss li r-rikors odjern huwa wiehed ghal kollox vessatorja ghaliex;

(a) ghandu jkun pacifiku bejn il-partijiet illi huma zzewgu f' Gunju tas-sena 1981;

(b) ghandu jkun pacifiku li sallum il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ghadha mhijiex la xolta u wisq inqas likwidata;

(c) ghandu jkun pacifiku (u dan anke jirrizulta mid-Dokumenti "A" sa "D" esebiti mar-rikors promotur) li t-tliet vetturi u l-*cabin cruiser* li dwarhom intalab il-hrug tal-mandat, ilkoll gew akkwistati bejn erbgha (4) sa seba' (7) snin ilu u ghalhekk jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet:

(d) Mal-prezentata tar-rikors ghall-hrug tal-mandat in kwistjoni l-esponenti pprocediet bl-ittra tal-medjazzjoni – ittra numru 647/07 *ai termini* ta' l-Avviz Legali 397 tas-sena 2003;

(e) *ai termini* tar-regolament 8 tal-imsemmi Avviz Legali, hemm dispost li meta xi ligi tistipula li persuna ghandha tipprocedi quddiem Qorti f' terminu specifiku, tali proceduri jkunu ritenuti li gew istitwiti ma' l-ipprezentar tal-ittra ta' medjazzjoni fil-Qorti tal-Familja.

4. Illi *in vista* tas-suespost u tenut kont li l-esponenti pprocediet bil-kawza ta' separazzjoni personali kontra r-rikorrenti odjern (Rikors Guramentat Numru 420/07 JA), l-

esponenti ma tistax timmagina x' nuqqas ta' smigh xieraq jista' jilmenta minnu r-rikorrent odjern.

5. Illi l-unika spjegazzjoni ghar-rikors odjern huwa li r-rikorrent odjern kien fil-fatt fil-procint li jiddisponi mill-vetturi u/jew *cabin criuser* u gie mahsud u sfrattat fil-hsieb tieghu. Huwa ta' min jispjega li l-vettura Audi Cabrio kienet inxtrat bil-prezz ta' *circa* tmienja u hamsin elf u mitejn Ewro (€58,200) (*circa* Lm25,000); il-VW Touareg bil-prezz ta' mija tmienja u ghoxrin elf Ewro (€128,000) (*circa* Lm55,000); il-*cabin criuser* bil-prezz ta' mitejn hamsa u sittin elf u hames mitt Ewro (€265,500) (*circa* Lm114,000).

6. Illi *inoltre* ghandu jigi spjegat li wara l-hrug tal-mandat odjern, zewg l-esponenti, wara li sforza lill-esponenti titlaq mid-dar matrimonjali, ghamel katnazz mal-kancell tad-*drive-in* tad-dar u bis-sahha ta' *CCTV cameras* qieghed jaghmilha kwazi mpossibbli sabiex jigi notifikat b' xi att gudizzjarju prezentat minn martu ghaliex jiftah biss lil min jaqbillu. L-esponenti tistaqsi jekk huwiex forsi ghalhekk li zewgha qed jipprova jannulla l-mandat odjern biex b' hekk jiffrustra n-notifika lilu ta' mandat iehor li ovvjament l-esponenti tkun kostretta tipprezenta kemm-il darba dak odjern jigi revokat.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tas-17 ta' April 2008 meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Lorraine Schembri Orland ghar-rikorrenti u Dr. Albert Libreri ghall-intimata prezenti. Id-difensuri trattaw il-kaz. Ir-rikors gie differit ghall-provediment finali ghad-29 ta' Mejju 2008.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija procedura ghall-talba tar-revoka ta’ mandat ta’ inibizzjoni u dan abbazi tal-**artikolu 836 (1) tal-Kap 12** li jipprovdi:-

Illi l-**artikolu 836 (1) (f)** tal-Kap.12 jipprovdi :-

*“(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista’ jaghmel rikors lill-Qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, tkun saret kawza, jista’ jaghmel rikors lill-Qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f’parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:-:*

*“(b) Li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug ta’ l-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti*.”

Illi r-rikorrenti qed isostni li dan il-mandat ta’ inibizzjoni Numru 195/2007 ghandu jigi revokat ghaliex ma gewx rispettati l-provedimenti tal-**artikolu 875 tal-Kap 12** u dan peress li l-istess rikorrenti odjern la nghata opportunita li jwiegeb u lanqas gie appuntat ghas-smigh quddiem il-Qorti.

Illi l-intimata min-naha l-ohra ma taqbilx ma’ dan ghaliex issostni li l-**artikolu 836 (1) (b)** ma japplikax ghall-allegazzjoni ta’ nuqqas ta’ procedura adoperata ghall hrug ta’ l-istess mandat izda jirreferi biss ghall ezami jekk l-elementi mehtiega ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni, konsistenti jekk ir-rikorrenti ghandux *prima facie* l-jedd pretiz u jekk il-hrug tal-mandat huwiex necessarju sabiex jitharsu l-istess jeddijiet baqghux fil-fatt jezistu.

Illi bhala fatt jirrizulta li gie pprezentat mandat ta’ inibizzjoni fit-3 ta’ Lulju 2007 u b’digriet datat fl-istess gurnata l-istess rikors ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni gie milqugh minghajr ma saret ebda notifika lill-kontro-parti u minghajr ma’ l-istess Mandat gie appuntat ghas-smigh.

Illi fil-fatt l-**artikolu 875 tal-Kap 12** permezz ta’ l-emendi li ddahhlu fis-sehh permezz tal-**Att XIV tal-2006** jipprovdi li:-

*“Ir-rikors ghandu jigi notifikat lill-parti opposta li, fi zmien ghaxart ijiem, ghandha tipprezenta risposta:*

*“Izda l-Qorti tista’, f’kazijiet urgenti, tirreduci l-periodu msemmi f’dan is-subartikolu. Fin-nuqqas ta’ opposizzjoni, il-Qorti tista’ tilqa’ t-talba”.*

*“(2) Il-Qorti tista’ ghall-ewwel tohrog provizorjament mandat ghal zmien qasir taht il-pattijiet u kondizzjonijiet li jidhrilha li jkun jehtieg skond il-kaz u sussegwentement tipprovdi definittivament”.*

*“(3) Il-Qorti ghandha, wara li tappunta ghas-smigh, tiddeciedi dan ir-rikors, wara li tisma’ kull xhieda li jidhrilha xierqa, u dan fl-iqsar zmien possibbli izda mhux aktar tard minn xahar mill-gurnata mill-prezentat u mahluf l-istess mandat”.*

Illi l-Qorti thoss, li n-nuqqas ta’ osservanza tad-disposizzjonijiet **tal-artikolu 875** fil-hrug tal-Mandat ta’ Inibizzjoni *de quo* fit-3 ta’ Lulju 2007 jinkwadraw ruhhom f’ dak stipulat **fl-artikolu 836 (1) (b)** citat, *stante* li tali regoli huma mandatorji ghal hrug tal-Mandati ta’ Inibizzjoni kontemplati fl-**artikolu 873 u 874 tal-Kap 12** u dawn l-istess regoli jammontaw ghall-htigijiet tal-ligi li kellhom isiru qabel ma setgha jigi akkordat l-istess Mandat, u dan in-nuqqas baqa’ fil-fatt jissussisti proprju ghaliex il-procedura ndikata qatt ma giet segwita u dan irendi l-istess mandat tat-3 ta’ Lulju 2007, mertu ta’ dawn il-proceduri null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi fil-fatt din il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fil-provediment fl-ismijiet **“Rainbow Productions Limited vs Awtorita’ tax-Xandir”** (P.A. (RCP) – 6 ta’ Ottubru 1999) fejn inghad li l-istess **artikolu 836 (1) (b)** japplika wkoll ghan-nuqqas ta’ osservazzjoni ta’ procedura mehtiega *ad validitatem* ghall-hrug ta’ tali mandat, u dan

anke ghaliex dan in-nuqqas irendi l-istess att null "***ab initio***" u bil-konsewgenza li kull att maghmul konsegwenti ghall-istess huwa null ukoll, u dan anke in konformita` mal-principju *"quod nullum est, nullum produciut effectum*"; din il-Qorti tikkonferma l-istess insenjament fis-sens li d-disposizzjoni tal-**artikolu 836 (1) (b)** tikkomprendi ezami wkoll ta' nuqqas ta' tharis ta' procedura fil-hrug ta' l-istess mandat, kemm-il darba tali procedura hija mandatorja ghall-hrug ta' l-istess u f'dan il-kaz ma hemm ebda dubju li n-notifika tar-rikors u l-appuntament tal-istess ghas-smigh huma elementi mandatorji ghall-hrug ta' kull mandat ta' inibizzjoni b'effett ta' l-emendi ndikati, u la darba dawn ma gewx osservati, dawn ma jistghux hlief iwasslu sabiex it-talba tar-rikorrent odjern tigi milqugha.

Illi ovvjament dan stabbilit, din il-Qorti ghandha u qed tieqaf hawn, u certament ma ghandhiex tezamina jekk fil-mertu l-istess mandat kellux jinhareg u dan peress li dan jista' jigi ezaminat, (tenut dak hawn deciz li jwassal ghan-nullita' tal-istess mandat kawtelatorju), biss fil-kors tas-smigh tal-istess mandat segwita l-procedura stabbilita mil-ligi.

Illi ghalhekk la darba gie stabbilit li tali mandat *de quo* huwa null u bla effett *ai termini* tal-ligi, b'dan li ghandha tigi ordnata r-revoka tieghu a bazi tal-**artikolu 836 (1) (b)** tal-**Kap 12**, b'hekk hemm lok sabiex tigi milqugha t-talba tar-rikorrenti f'dan ir-rikors, u l-Qorti f'dawn il-proceduri ghandha tieqaf hawn u certament ma ghandhiex tezamina jekk l-istess mandat kellux jinhareg fil-mertu, ghaliex dan jista' biss jigi kkunsidrat fl-atti tas-smigh tal-istess mandat ta' inibizzjoni, u mhux f'dawn il-proceduri ta' revoka taht id-disposizzjonijiet citati tal-**artikolu 836 (1) (b).** B'hekk din il-Qorti thoss li dak kontenut fit-3 paragrafu tar-risposta tal-intimata ma ghandu ebda relevanza ghall-pendenza odjerna fit-termini tal-proceduri odjerni; l-istess jinghad ghall-paragrafi 4 sa 6 tal-istess risposta.

Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti qed tigi milqugha.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghal dawn il-motivi din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-intimata Mary *sive* Marielle Cassar datata 15 ta' Frar 2008, **tilqa' it-talbiet tar-rikorrenti** Edward Cassar, kif kontenuti fir-rikors tieghu tat-28 ta' Settembru 2007 u konsegwentement tirrevoka u thassar il-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 195/07 fl-ismijiet **"Mary sive Marielle Cassar (ID 175156) vs Edward Cassar" (ID 213353)** mahrug b' digriet moghti minn din il-Qorti fit-3 ta' Lulju 2007.

Bl-ispejjez kontra l-intimata Mary *sive* Marielle Cassar.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------